

Brussell, 2 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9805/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0205(COD)**

TRANS 348
AVIATION 107
ENV 532
ENER 244
IND 211
COMPET 434
ECO 49
RECH 329
CODEC 830
CLIMA 255
RELEX 726
IA 86

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8859/22
Nru dok. Cion:	10884/21 REV1 + ADD1-3
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport sostenibbli bl-ajru - "ReFuelEU Aviation" - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#), għall-informazzjoni, it-test li fuqu l-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta ta' hawn fuq fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2022.

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Matul l-aħħar deċennji, it-trasport bl-ajru kellu rwol kruċjali fl-ekonomija tal-Unjoni u fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni, bħala wieħed mis-setturi bl-aħjar prestazzjoni u l-aktar dinamiċi tal-ekonomija tal-Unjoni. Dan huwa xprunatur b'saħħtu għat-**tkabbir ekonomiku**, l-impjiegi, il-kummerċ u t-turiżmu, kif ukoll għall-konnettività u l-mobbiltà kemm tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini bl-istess mod, b'mod partikolari fi **ħdan is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni**. It-**tkabbir fis-servizzi tat-trasport bl-ajru** kkontribwixxa b'mod sinifikanti għat-titjib fil-konnettività fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi u kien faċilitatur sinifikanti tal-ekonomija tal-Unjoni.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (2) Mill-2020, it-trasport bl-ajru kien wieħed mill-aktar setturi milquta mill-kriżi tal-COVID-19. Bil-perspettiva li tintemm il-pandemija fil-qrib, huwa mistenni li t-traffiku tal-ajru se jerġa' jibda gradwalment fis-snin li ġejjin u jirkupra għal-livelli tiegħu ta' qabel il-kriżi. Fl-istess ħin, l-emissjonijiet mis-settur ilhom jiżdiedu mill-1990 u x-xejra ta' żieda fl-emissjonijiet tista' terġa' lura hekk kif aħna negħlbu l-pandemija. Għalhekk, jeħtieġ li wieħed iħejji għall-futur u jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa biex jiġi żgurat suq tat-trasport bl-ajru li jiffunzjona tajjeb u li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, b'livelli għoljin ta' konnettività, sikurezza u sigurtà.
- (3) Il-funzjonament tas-settur tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni huwa ddeterminat min-natura transfruntiera tiegħu madwar l-Unjoni, u mid-dimensjoni globali tiegħu. Is-suq intern tal-avjazzjoni huwa wieħed mill-aktar setturi integrati fl-Unjoni, regolat minn regoli uniformi dwar l-aċċess għas-suq u kundizzjonijiet operattivi. Il-politika esterna tat-trasport bl-ajru hija regolata minn regoli stabbiliti fil-livell globali fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), kif ukoll minn ftehimiet multilaterali jew bilaterali komprensivi bejn l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, u pajjiżi terzi.
- (4) Is-suq tat-trasport bl-ajru huwa soġġett għal kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-atturi ekonomiċi madwar l-Unjoni, li għalihom kundizzjonijiet ekwi huma indispensabbli. L-istabbiltà u l-prosperità tas-suq tat-trasport bl-ajru u l-atturi ekonomiċi tiegħu jiddependu minn qafas ta' politika ċar u armonizzat fejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-ajruporti u atturi oħra tal-avjazzjoni jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. Fejn iseħħu distorsjonijiet fis-suq, dawn jirriskjaw li jqiegħdu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew lill-ajruporti fi żvantaġġ mal-kompetituri interni jew esterni. Min-naħa tiegħu, dan jista' jirriżulta f'telf ta' kompetittività tal-industrija tat-trasport bl-ajru, u f'telf ta' konnettività bl-ajru għaċ-ċittadini u għan-negozji.

- (5) B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni fir-rigward tal-fjuwil tal-avjazzjoni, li jammonta għal sehem sostanzjali tal-kostijiet tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru filwaqt li titrawwem id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni bil-promozzjoni tal-fjuwils tal-ajru sostenibbli ("SAF"). Il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-fjuwil jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Fejn jeżistu differenzi fil-prezzijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni bejn l-ajruporti tal-Unjoni jew bejn l-ajruporti tal-Unjoni u dawk mhux tal-Unjoni, dan jista' jwassal lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru biex jadattaw l-istrateġiji ta' riforniment tagħhom minħabba raġunijiet ekonomiċi. It-tankering tal-fjuwil iżid il-konsum tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru u jirriżulta f'emissjonijiet mhux meħtieġa ta' gassijiet serra. Għaldaqstant, it-tankering tal-fjuwil mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jdgħajjef l-isforzi tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali. Xi operaturi tal-inġenji tal-ajru jistgħu jużaw prezzijiet favorevoli tal-fjuwil tal-avjazzjoni fil-bażi residenzjali tagħhom bħala vantaġġ kompetittiv għal linji tal-ajru oħra li joperaw rotot simili. Dan jista' jkollu effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur u jkun ta' ħsara għall-konnettività tal-ajru. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabilixxi miżuri biex jipprevjeni prattiki bħal dawn sabiex tiġi evitata ħsara ambjentali bla bżonn kif ukoll biex jiġu restawrati u ppreservati l-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport bl-ajru.
- (6) Objettiv ewlieni tal-politika komuni dwar it-trasport huwa l-iżvilupp sostenibbli. Dan jeħtieġ metodu integrat li għandu l-għan li jiżgura kemm il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' trasport tal-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent. L-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru jeħtieġ l-introduzzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju minn inġenji tal-ajru li jagħmlu titjiriet minn ajruporti tal-Unjoni. Tali miżuri jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni sal-2030 u l-2050.

- (7) Il-Komunikazzjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti³ adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020 tistabbilixxi kors ta' azzjoni għas-sistema tat-trasport tal-UE sabiex tikseb it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tagħha u ssir aktar reżiljenti. Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru hija proċess meħtieġ u ta' sfida, speċjalment fuq terminu qasir. L-avvanzi teknoloġiċi, segwiti fil-programmi Ewropej u nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-avjazzjoni kkontribwew għal tnaqqis importanti fl-emissjonijiet fl-aħħar deċennji. Madankollu, it-tkabbir globali tat-traffiku tal-ajru qabeż it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-settur. Filwaqt li t-teknoloġiji l-ġodda huma mistennija jgħinu fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-avjazzjoni fuq distanzi qosra mill-enerġija fossili fid-deċennji li ġejjin, l-SAF joffru l-unika soluzzjoni għad-dekarbonizzazzjoni sinifikanti tal-firxiet kollha tat-titjiriet, diġà fuq terminu qasir. Madankollu, dan il-potenzjal bħalissa fil-biċċa l-kbira tiegħu ma huwiex sfruttat.
- (8) L-SAF huma fjuwils likwidi, ta' sostituzzjoni, kompletament funġibbli ma' fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali u kompatibbli mal-magni tal-inġenji tal-ajru eżistenti. Diversi perkorsi ta' produzzjoni ta' SAF ġew iċċertifikati fil-livell globali għall-użu fl-avjazzjoni ċivili jew militari. L-SAF huma lesti mill-aspett teknoloġiku biex ikollhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bl-ajru diġà fuq terminu qasir ħafna. Dawn mistennija jkunu jammontaw għal parti kbira mit-taħlita tal-fjuwil tal-avjazzjoni fit-terminu medju u fit-tul. Barra minn hekk, bl-appoġġ ta' standards internazzjonali tal-fjuwils xierqa, l-SAF jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-kontenut aromatiku tal-fjuwil finali użat minn operatur, u b'hekk jgħinu sabiex jitnaqqsu emissjonijiet oħrajn mhux tas-CO₂. Alternattivi oħra biex jitħaddmu l-inġenji tal-ajru, bħall-elettriku jew l-idroġenu likwidu, huma mistennija jikkontribwixxu progressivament għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru, u dan ser jibda b'titjiriet fuq distanzi qosra.
- (9) L-introduzzjoni gradwali ta' SAF fis-suq tat-trasport bl-ajru se tirrappreżenta kost addizzjonali tal-fjuwil għal-linji tal-ajru, peress li tali teknoloġiji tal-fjuwil bħalissa huma aktar għaljin biex jiġu prodotti mill-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Dan mistenni jaggrava l-kwistjonijiet li diġà jeżistu b'rabta ma' kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-fjuwil tal-avjazzjoni, u jikkawża aktar distorsjonijiet fost l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-ajruporti. Dan ir-regolament jenħtieġ li jieħu miżuri biex jipprevjeni li l-introduzzjoni ta' SAF taffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni billi jiddefinixxi rekwiżiti armonizzati madwar l-Unjoni.

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (COM/2020/789 final), 9.12.2020.

- (10) Fil-livell globali, SAF huma rregolati fl-ICAO. B'mod partikolari, l-ICAO tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati dwar is-sostenibbiltà, it-traċċabbiltà u l-kontabbiltà ta' SAF għall-użu fuq titjriet koperti mill-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA). Filwaqt li l-inċentivi huma stabbiliti fil-CORSIA u l-SAF huma kkunsidrati bħala pilastru integrali tal-ħidma fuq il-fattibbiltà ta' Għan ta' Aspirazzjoni fit-Tul għall-avjazzjoni internazzjonali, bħalissa ma hemm l-ebda skema obbligatorja dwar l-użu ta' SAF għal titjriet internazzjonali. Ftehimiet multilaterali jew bilaterali komprensivi dwar it-trasport bl-ajru bejn l-UE jew l-Istati Membri tagħha, u pajjiżi terzi ġeneralment jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ambjentali. Madankollu, għalissa, tali dispożizzjonijiet ma jimponu l-ebda rekwiżit vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti dwar l-użu ta' SAF.
- (11) Fil-livell tal-UE, ir-regoli ġenerali dwar l-enerġija rinnovabbli għas-settur tat-trasport huma stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Fil-passat, dawn l-oqfsa regolatorji transsettorjali orizzontali ma wrewx li huma effettivi biex iwettqu tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għal SAF fit-trasport bl-ajru. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-predeċessur tagħha jistabbilixxu miri ġenerali fil-modi kollha tat-trasport li għandhom jiġu fornuti bi fjuwils rinnovabbli. Peress li l-avjazzjoni huwa suq żgħir tal-fjuwils li għalih il-fjuwils rinnovabbli jiswew aktar biex jiġu prodotti, meta mqabbel ma' modi oħrajn ta' trasport, jenħtieġ li oqfsa regolatorji bħal dawn jiġu kkomplementati b'miżuri speċifiċi għall-avjazzjoni sabiex tingħata spinta effettiva lill-użu ta' SAF. Barra minn hekk, it-traspożizzjonijiet nazzjonali tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jippreżentaw ir-riskju li joħolqu frammentazzjoni sinifikanti fis-suq tat-trasport bl-ajru, fejn ir-regoli nazzjonali dwar l-SAF jistabbilixxu miri differenti ħafna. Dan ikun mistenni jkompli jaggrava l-kwistjonijiet b'rabta ma' kundizzjonijiet ekwi fit-trasport bl-ajru.

⁴ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (12) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi għas-suq intern tal-avjazzjoni biex jikkomplementaw id-Direttiva (UE) 2018/2001 u jintlaħqu l-oġettivi ġenerali tagħha billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti speċifiċi li jirriżultaw mis-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu l-għan li jevita frammentazzjoni tas-suq tal-avjazzjoni, jipprevjeni distorsjonijiet kompetittivi possibbli bejn l-atturi ekonomiċi, jew prattiki inġusti ta' evitar tal-kostijiet fir-rigward tar-riforniment tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, filwaqt li jitrawwem l-użu ta' SAF. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001; L-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw l-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni koperti minn dan ir-Regolament għall-kisba tal-oġettivi u l-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva soġġett għall-kundizzjonijiet u fil-limiti ta' dik id-Direttiva.
- (13) L-ewwel nett, dan ir-regolament għandu l-għan li jistabilixxi qafas li jerġa' jistabilixxi u jippreserva kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni. Tali qafas jenħtieġ li jipprevjeni rekwiżiti diverġenti madwar l-Unjoni li jaggravaw il-prattiki ta' riforniment li jfixklu l-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew li jpoġġu lil xi ajruporti fi żvantaġġ kompetittiv ma' oħrajn. It-tieni, dan għandu l-għan li jgħammar lis-suq tal-avjazzjoni tal-UE b'regoli sodi biex jiżgura li l-ishma dejjem akbar ta' SAF ikunu jistgħu jiġu introdotti fl-ajruporti tal-Unjoni mingħajr effetti detrimental fuq il-kompetittività tas-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE.
- (14) Huwa essenzjali li jiġu stabbiliti regoli armonizzati fis-suq intern tal-UE, li japplikaw direttament u b'mod uniformi għall-atturi tas-suq tal-avjazzjoni minn naħa waħda, u għall-atturi tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni min-naħa l-oħra. Il-qafas ġenerali stabbilit bid-Direttiva (UE) 2018/2001 jenħtieġ li jiġi kkomplementat b'*lex specialis* li tapplika għat-trasport bl-ajru. Din jenħtieġ li tinkludi miri li jiżdiedu gradwalment għall-provvista ta' SAF. Dawn il-miri jenħtieġ li jiġu ddefiniti bir-reqqa, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi ta' suq tat-trasport bl-ajru li jiffunzjona tajjeb, il-ħtieġa li s-settur tal-avjazzjoni jiġi dekarbonizzat u l-istatus attwali tal-industrija tal-SAF.

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-inġenji tal-ajru involuti fl-avjazzjoni ċivili, li jwettqu titjiriet kummerċjali tat-trasport bl-ajru. Jenħtieġ li ma japplikax għal inġenji tal-ajru bħal inġenji tal-ajru militari u inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet għal finijiet umanitarji, ta' ripatrijazzjoni u deportazzjoni, ta' tiftix, ta' salvataġġ, ta' għajnuna f'diżastri jew mediċi, kif ukoll operazzjonijiet doganali, tal-pulizija u tat-tifi tan-nar. Tabilħaqq, it-titjiriet operati f'ċirkostanzi bħal dawn huma ta' natura eċċezzjonali u għalhekk mhux dejjem jistgħu jiġu ppjanati bl-istess mod bħal titjiriet regolari. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet tagħhom, dawn mhux dejjem jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi skont dan ir-Regolament, peress li jistgħu jirrappreżentaw piż bla bżonn. Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi madwar is-suq uniku tal-avjazzjoni tal-UE, dan ir-regolament jenħtieġ li jkopri l-akbar sehem possibbli ta' traffiku tal-ajru kummerċjali operat minn ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-UE. Fl-istess ħin, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-konnettività bl-ajru għall-benefiċċji taċ-ċittadini, tan-negozji u tar-reġjuni tal-UE, huwa importanti li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż żejjed fuq l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru f'ajruporti żgħar. Jenħtieġ li jiġi ddefinit limitu tat-traffiku annwali tal-ajru tal-passiġġieri u tat-traffiku tal-merkanzija, li taħtu l-ajruporti ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jenħtieġ li jkopri mill-inqas 95 % tat-traffiku totali li jitlaq mill-ajruporti fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li ajruport li jinsab fit-territorju tagħhom li ma jilħaqx dak il-limitu jiġi ttrattat bħala ajruport tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għalhekk jenħtieġ li jkun soġġett għal dan ir-Regolament. Minħabba l-istess raġunijiet, jenħtieġ li jiġi definit limitu biex jiġu eżentati l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma responsabbli għal għadd baxx ħafna ta' vjaġġi li jtilqu minn ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-UE.

(16) Jenħtieġ li jiġu promossi l-iżvilupp u l-użu ta' SAF b'potenzjal kbir ta' sostenibbiltà, maturità kummerċjali u potenzjal kbir ta' innovazzjoni u tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri. Dan jenħtieġ li jappoġġa l-ħolqien ta' swieq tal-fjuwils innovattivi u kompetittivi u jiżgura provvista suffiċjenti ta' SAF għall-avjazzjoni fuq terminu qasir u twil biex jikkontribwixxi għall-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-Unjoni, filwaqt li jsaħħaħ l-isforzi tal-Unjoni lejn livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jkunu eliġibbli l-bijofjuwils kollha li jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 u li huma ċċertifikati skont dik id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' bijofjuwils prodotti minn "għelejjel tal-ikel u tal-għalf", fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-avjazzjoni tal-karbonju riċiklat li jikkonformaw mal-limitu tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmi f'dik id-Direttiva. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li biex tiġi żgurata l-konsistenza ma' politiki relatati oħra tal-UE, l-eliġibbiltà tal-bijofjuwils, tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat tkun ibbażata fuq il-kriterji u l-limiti ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 2018/2001.

B'mod partikolari, l-SAF prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma essenzjali, peress li bħalissa dawn huma l-aktar teknoloġija kummerċjalment matura għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru diġà fuq terminu qasir. Is-sehem rinnovabbli tal-fjuwils prodotti permezz tal-koproċessar jenħtieġ li jkun eliġibbli skont id-definizzjoni tal-SAF, sakemm is-sehem rinnovabbli jiġi prodott minn materja prima elenkata fid-Direttiva (UE) 2018/2001 bl-eċċezzjoni ta' bijofjuwils prodotti minn "għelejjel tal-ikel u tal-għalf" kif definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt 40 ta' dik id-Direttiva, u determinat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita skont l-Att Delegat [XXX].

Fjuwils sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-avjazzjoni li jiksbu tnaqqis għoli simili ta' gassijiet serra bħall-fjuwils rinnovabbli b'oriġini mhux bijoloġika jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(16a) Minħabba l-użu tagħhom għall-kożmetiċi u l-għalf tal-annimali, jenħtieġ li l-bijofjuwils għajr il-bijofjuwils avanzati kif definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt 34 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u għajr il-bijofjuwils prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva fornuti f'ajruporti tal-Unjoni minn kull fornitur tal-fjuwil jammontaw għal massimu ta' 3 % għall-finijiet tal-konformità mal-ishma minimi tal-SAF li jiġu fornuti f'kull ajruport tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

(17) Minħabba raġunijiet ta' sostenibbiltà, il-fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli. B'mod partikolari, il-bidla indiretta fl-użu tal-art isseħħ meta l-kultivazzjoni tal-għelejjel għall-bijofjuwils tiegħu post il-produzzjoni tradizzjonali tal-għelejjel għal skopijiet ta' ikel u għalf. Tali domanda addizzjonali żżid il-perssoni fuq l-art u tista' twassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna kbira ta' karbonju, bħal foresti, artijiet mistagħdra u torbiera, filwaqt li toħloq emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra u tħassib dwar it-telfien tal-bijodiversità. Ir-riċerka wriet li l-iskala tal-effett tiddependi minn varjetà ta' fatturi, inklużi t-tip ta' materja prima użata għall-produzzjoni tal-fjuwil, il-livell ta' domanda addizzjonali għall-materja prima kkawżata mill-użu tal-bijofjuwils u sa liema punt l-art b'ħażna kbira ta' karbonju hija protetta madwar id-dinja. L-akbar riskji ta' tibdil indirett fl-użu tal-art ġew identifikati għall-bijofjuwils prodotti minn materja prima li għalihom ġiet osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju. Għaldaqstant, il-fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jenħtieġ li ma jiġux promossi. Dan l-approċċ huwa konformi mal-politika tal-Unjoni u b'mod partikolari mad-Direttiva (UE) 2018/2001 li tillimita u tistabbilixxi limitu massimu fuq l-użu ta' tali bijofjuwils fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meta jiġu kkunsidrati l-benefiċċji ambjentali aktar baxxi tagħhom, prestazzjoni aktar baxxa f'termini ta' potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tħassib usa' dwar is-sostenibbiltà. Minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra marbuta mat-tibdil indirett fl-użu tal-art – li huwa kapaċi jċaħħad parti mit-tnaqqis jew it-tnaqqis kollu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' bijofjuwils individwali – it-tibdil indirett fl-użu tal-art joħloq riskji wkoll għall-bijodiversità. Dan ir-riskju huwa partikolarment serju b'rabta ma' espansjoni potenzjalment kbira tal-produzzjoni ddeterminata minn żieda sinifikanti fid-domanda. Is-settur tal-avjazzjoni bħalissa għandu livelli insinifikanti ta' domanda għall-bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf, peress li aktar minn 99 % tal-fjuwils tal-avjazzjoni użati bħalissa huma ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament. In-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel skont dan ir-Regolament jimminimizza wkoll kwalunkwe riskju li jitnaqqas ir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, li altrimenti jista' jirriżulta minn bidla ta' bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel mit-triq għas-settur tal-avjazzjoni. Huwa essenzjali li tiġi minimizzata bidla bħal din, peress li t-trasport bit-triq bħalissa għadu bil-bosta l-aktar settur tat-trasport li jniġġes.

- (18) [...]
- (19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jiżgura li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jikkompetu abbażi ta' opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-aċċess għal SAF. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq tas-servizzi tal-ajru, l-ajruporti tal-Unjoni koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu pprovduti b'ishma minimi uniformi ta' SAF. Sabiex jinħoloq qafas legali ċar u prevedibbli u b'hekk jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-użu tas-suq tal-aktar teknoloġiji sostenibbli u innovattivi b'potenzjal ta' tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri tal-fjuwil, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ishma minimi li jiżdiedu gradwalment ta' SAF, inkluż tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi maż-żmien. L-istabbiliment ta' obbligu sekondarju ddedikat għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi huwa meħtieġ fid-dawl tal-potenzjal sinifikanti ta' dekarbonizzazzjoni ta' tali fjuwils, u fid-dawl tal-kostijiet tal-produzzjoni stmati attwali tagħhom. Meta jiġu prodotti mill-elettriku rinnovabbli u mill-karbonju li jinqabad direttament mill-arja, il-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi jistgħu jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 100 % meta mqabbel mal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Dawn għandhom ukoll vantaġġi notevoli meta mqabbla ma' tipi oħra ta' SAF fir-rigward tal-effiċjenza fir-riżorsi (b'mod partikolari għall-ħtiġijiet tal-ilma) tal-proċess tal-produzzjoni. Madankollu, il-kostijiet tal-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi bħalissa huma stmati għal bejn tlieta u sitt darbiet oġġla mill-prezz tas-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligu sekondarju ddedikat għal din it-teknoloġija. Il-fornituri tal-fjuwils jenħtieġ li jkollhom l-opzjoni li jiksbu l-ishma minimi stabbiliti b'dan ir-Regolament bl-użu ta' fjuwils sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-avjazzjoni dderivati mill-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jiksbu tnaqqis għoli simili ta' gassijiet serra bħall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.
- (20) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-ishma minimi ta' SAF ikunu jistgħu jiġu fornuti b'suċċess lis-suq tal-avjazzjoni mingħajr nuqqas ta' provvista. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi ppjanat biżżejjed żmien ta' tħejjija biex l-industrija tal-fjuwils rinnovabbli tkun tista' tiżviluppa l-kapaċità tal-produzzjoni kif xieraq. Il-provvista ta' SAF jenħtieġ li ssir obligatorja mill-2025. Bl-istess mod, sabiex is-suq jiġi pprovdut b'ċertezza u prevedibbiltà legali u l-investimenti jiġu xprunati b'mod durabbli lejn il-kapaċità ta' produzzjoni sostenibbli tal-SAF, it-termini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu stabbli fuq perjodu ta' żmien twil.

(20a) Peress li r-Regolament ma jiddefinixxix sehem massimu ta' SAF fil-fjuwils kollha tal-avjazzjoni, il-linji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil jistgħu jsegwu politiki ambjentali aktar ambizzjużi b'użu u provvista ta' SAF oġhla fin-network ġenerali tal-operazzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li s-suq jibqa' liberu li jforni u juża kwantitajiet akbar ta' SAF minn dawk meħtieġa għall-applikazzjoni tal-ishma minimi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex tissaħħaħ aktar id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni u bil-ħsieb tal-potenzjal sinifikanti ta' dekarbonizzazzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw għal perjodu limitat ta' żmien u sa limiti massimi speċifiċi, ishma minimi oġhla ta' tali fjuwils bħal dawk speċifikati f'dan ir-Regolament f'ajruport jew ajruporti tal-Unjoni li jinsabu fit-territorju tagħhom fejn is-sehem minimu ta' SAF, inkluż fjuwils sintetiċi għall-avjazzjoni, stipulat f'dan ir-Regolament ikun intlaħaq matul il-perjodu ta' rapportar preċedenti bħala medja fl-ajruporti kollha tal-Unjoni jew fi kwalunkwe mument qabel l-1 ta' Jannar 2027. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom ukoll l-opzjoni li ma japplikawx tali limiti massimi fil-każ ta' ajruporti żgħar, fejn it-traffiku mhux domestiku annwali tal-passiġġieri jkun inqas minn żewġ miljun passiġġier, peress li tali opzjoni ulterjuri ma taffettwax ħażin is-suq intern tal-avjazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li meta d-distribuzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi fl-ajruporti kollha tal-Unjoni ma tkunx tista' tiġi żgurata minħabba nuqqas strutturali ta' produzzjoni jew provvista ta' tali fjuwils fl-Unjoni, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li l-Istati Membri jissospendu l-applikazzjoni ta' tali ishma minimi nazzjonali oġhla. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jipprevjenu lill-Istati Membri milli jimplementaw miżuri dedikati apparti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-użu tal-SAF fuq titjiriet domestiċi.

- (21) Bl-introduzzjoni u ż-żieda ta' SAF fl-ajruporti tal-Unjoni, il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil jistgħu jiġu aggravati bħala konsegwenza taż-żidiet fil-kostijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Il-prattiki tat-tankering tal-fjuwil ma humiex sostenibbli u jenħtieġ li jiġu evitati peress li jimminaw l-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-impatti ambjentali mit-trasport. Dawn imorru kontra l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni peress li żieda fil-piż tal-inġenji tal-ajru żżid il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet relatati fuq titjira partikolari. Il-prattiki tat-tankering ipoġġu wkoll friskju l-kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni bejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, u anke bejn l-ajruporti. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jeħtieġ li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jagħmlu riforniment qabel ma jitilqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni. L-ammont ta' fjuwil li jkun ġie ppumpjat qabel it-tluq minn ajruport partikolari tal-Unjoni jenħtieġ li jkun proporzjonat mal-ammont ta' fjuwil meħtieġ biex jiġu operati t-titjiriet li jitilqu minn dak l-ajruport, mingħajr preġudizzju għar-riżerva ta' fjuwil li trid tiġi ppumpjata biex tikkonforma mar-regoli applikabli dwar is-sikurezza tal-fjuwil, bħal, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012⁵. Ir-rekwiżit jiżgura li l-kundizzjonijiet ugwali għall-operazzjonijiet fl-Unjoni japplikaw bl-istess mod għall-operaturi tal-Unjoni u dawk barranin, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.
- (21a) Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jiġu eżentati għal perjodu limitat ta' żmien mill-obbligu ta' riforniment qabel it-tluq fuq rotot speċifiċi ta' inqas minn 1 200 kilometru li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni f'każ li dawk l-operaturi jkunu jistgħu juru diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti fir-riforniment lill-inġenji tal-ajru f'ajruport partikolari tal-Unjoni li jżommuhom milli jwettqu titjiriet bir-ritorn fi żmien raġonevoli, li jista' jkollhom impatt fuq il-konnettività speċjalment ta' reġjuni periferiċi, jew diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jwasslu għal prezzijiet oġhla b'mod sinifikanti tal-fjuwils meta mqabbla mal-prezzijiet applikati bħala medja għal tipi simili ta' fjuwils f'ajruporti oħra tal-Unjoni. Il-prezzijiet oġhla b'mod sinifikanti fl-ajruport partikolari inkwistjoni ma għandhomx ikunu primarjament ir-riżultat tal-użu oġhla ta' SAF f'dak l-ajruport.

⁵ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

- (22) Jenħtiegħ li l-Korp ta' amministrazzjoni ta' ajruport tal-Unjoni kopert minn dan ir-Regolament jieħu l-miżuri meħtiegħa biex jiffaċilita l-aċċess għall-SAF, sabiex ma jkunx ta' ostaklu fir-rigward tal-użu ta' tali fjuwil. Jekk ikun meħtiegħ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab l-ajruport, jenħtiegħ li jkunu jistgħu jirrikjedu li l-Korp ta' amministrazzjoni ta' ajruport tal-Unjoni jipprovdi informazzjoni dwar id-distribuzzjoni u r-riforniment bla xkiel tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru bl-SAF. Ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti jenħtiegħ li jippermetti lill-Korp ta' amministrazzjoni tal-ajruporti u lil-linji tal-ajru tal-Unjoni jkollhom punt fokali komuni, fil-każ fejn tkun meħtiegħa kjarifika teknika dwar id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-fjuwil.
- (23) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtiegħ li jkunu meħtiegħa jirrapportaw kull sena lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-"Aġenzija") dwar ix-xiri tagħhom ta' SAF, kif ukoll dwar il-karatteristiċi ta' dan il-fjuwil. Jenħtiegħ li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-SAF mixtrija bħal, fost l-oħrajn, in-natura u l-oriġini tal-materja prima, il-perkors ta' konverżjoni u l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja.
- (24) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtiegħ li jkunu meħtiegħa wkoll jirrapportaw kull sena dwar l-ippumpjar reali tagħhom tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal kull ajruport tal-Unjoni, sabiex jagħtu prova li ma kien hemm l-ebda tankering tal-fjuwil. Jenħtiegħ li r-rapporti jiġu vverifikati minn verifikaturi indipendenti u jiġu trażmessi lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità. Jenħtiegħ li l-verifikaturi indipendenti jiddeterminaw l-akkuratezza tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtiegħ irrapportat mill-operaturi permezz ta' għodda approvata mill-Kummissjoni.
- (25) Jenħtiegħ li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jkunu meħtiegħa jirrapportaw kull sena fil-bażi ta' data tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, dwar il-provvista tagħhom ta' fjuwil tal-avjazzjoni, inkluż SAF.
- (25a) Jenħtiegħ li l-Istati Membri jaħtru awtorità jew awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq operaturi tal-inġenji tal-ajru, ajruporti tal-Unjoni u fornituri tal-fjuwil. Dan ir-Regolament jenħtiegħ li jiddefinixxi r-regoli għall-attribuzzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-ajruporti tal-Unjoni u l-fornituri tal-fjuwil lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtiegħ li l-Aġenzija tibgħat lill-awtoritajiet kompetenti d-data aggregata għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-fornituri tal-fjuwils tal-avjazzjoni li għalihom dawn l-awtoritajiet huma kompetenti. Sa fejn ikun possibbli, jenħtiegħ li l-livell ta' aggregazzjoni jippermetti tqabbil ma' sorsi oħra ta' data mill-awtoritajiet kompetenti.

- (25b) Jenħtieġ li l-Aġenzija tfassal rapport tekniku fuq bażi annwali u tgħaddih lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Dan huwa importanti b'mod partikolari biex ikun hemm viżibbiltà ċara dwar il-livell ta' konformità mar-Regolament, l-użu ta' SAF fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, l-istat tas-suq inkluż informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tad-distakk fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwils fossili u l-kompożizzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni.
- (26) Mingħajr proċeduri addizzjonali ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat b'mod preċiż jekk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru fil-fatt ippumpjawx fiżikament ishma ta' SAF fit-tankijiet tagħhom f'ajruporti speċifiċi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jiġihom jirrapportaw l-użu tagħhom ta' SAF fuq il-bażi ta' rekords tax-xiri. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jkunu intitolati li jirċievu mingħand il-fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni l-informazzjoni li hija meħtieġa biex jiġi rrapportat ix-xiri tal-SAF. Il-fornituri tal-fjuwil jistgħu juru konformità ma' dan ir-Regolament billi jużaw is-sistema ta' bilanċ tal-massa msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
- (27) Huwa essenzjali li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jitolbu l-użu ta' SAF fl-ambitu ta' skemi ta' gassijiet serra bħall-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet jew CORSIA, skont id-diskrezzjoni tagħhom. Madankollu, huwa essenzjali li dan ir-regolament ma jwassalx għal għadd doppju ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jiġihom biss jitolbu benefiċċji għall-użu ta' lott identiku ta' SAF darba. Il-fornituri tal-fjuwil jenħtieġ li jintalbu jipprovdu mingħajr ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru kwalunkwe informazzjoni li tappartjeni għall-proprjetajiet tal-SAF mibjugħ lil dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru u li tkun rilevanti għall-finijiet ta' rapportar mill-operatur tal-inġenji tal-ajru skont dan ir-Regolament jew l-iskemi ta' gassijiet serra.
- (28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi tas-suq intern tal-avjazzjoni u l-aderenza mal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jintroduċi penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Il-livell tal-penali jeħtieġ li jkun proporzjonat għall-ħsara ambjentali u għall-preġudizzju għall-kundizzjonijiet ekwi tas-suq intern ikkawżati min-nuqqas ta' konformità. Meta jimponu multi, l-awtoritajiet jenħtieġ li jqisu l-evoluzzjoni tal-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni u tal-SAF fis-sena ta' rapportar.

- (28b) It-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għall-SAF se jkollha rwol konsiderevoli fl-iffaċilitar tad-dekarbonizzazzjoni. Madankollu, meta jitqies in-nuqqas attwali ta' suq tal-UE ta' SAF, il-livell għoli ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u d-differenza importanti fil-prezz bejn il-pitrolju fossili u l-SAF, jenħtieġ li din it-tranżizzjoni tiġi appoġġata permezz ta' inċentivi li jirriflettu l-benefiċċju ambjentali tal-SAF u jagħmluhom aktar kompetittivi għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru. L-użu ta' dħul iġġenerat mill-multi, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, biex jiġu appoġġati proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tal-SAF, il-produzzjoni ta' SAF jew mekkaniżmi li jippermettu li jitnaqqsu d-differenzi fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwils konvenzjonali tal-avjazzjoni jikkontribwixxi għal dak l-objettiv.
- (29) Il-penali għall-fornituri li jonqsu milli jilħqu l-miri stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu kkomplementati mill-obbligu li s-suq jiġi pprovdut bin-nuqqas tal-ilħuq tal-kwota fis-sena sussegwenti.
- (29a) Jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu tranżitorju ta' 10 snin għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti ta' sehem minimu ta' SAF stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jippermetti ammont raġonevoli ta' żmien għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, għall-ajruporti tal-Unjoni u għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru biex jagħmlu l-investimenti teknoloġiċi u loġistiċi meħtieġa. Matul din il-fażi, il-fjuwil tal-avjazzjoni li jkun fih ishma akbar ta' SAF f'ċerti ajruporti jista' jintuża biex jikkumpensa għal ishma iżgħar ta' SAF jew għat-tnaqqis ta' disponibbiltà ta' fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali f'ajruporti oħra.
- (30) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet għal rapporti perjodiċi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evoluzzjoni tas-swieq tal-avjazzjoni u tal-fjuwils u l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, dwar il-konnettività għall-gżejjer u t-territorji remoti u dwar il-kompetittività tat-trasportaturi tal-ajru u tal-ajruporti prinċipali Ewropej fil-konfront tal-kompetituri tagħhom fil-pajjiżi ġirien, l-effettività tal-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament bħall-ishma minimi tal-SAF, il-livell ta' multi jew l-iżviluppi tal-politika dwar l-użu tal-SAF fil-livell internazzjonali. Tali elementi huma kruċjali biex jipprovdu sitwazzjoni ċara tas-suq tal-SAF u jenħtieġ li jitqiesu meta tiġi kkunsidrata reviżjoni tar-Regolament.

F'dawk ir-rapporti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra opzjonijiet għal emendi, fejn xieraq, inkluż mekkaniżmi li jappoġġaw il-produzzjoni u l-użu ta' SAF kif ukoll mekkaniżmi li jippermettu li jitnaqqsu d-differenzi fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwils konvenzjonali tal-avjazzjoni sabiex jiġu limitati l-impatti negattivi ta' dan ir-Regolament fuq il-konnettività bl-ajru u l-kompetizzjoni u biex tittaffa r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Ir-rekwiżit stabbilit minn dan ir-Regolament biex jiġi żgurat li sehem minimu ta' SAF ikun disponibbli f'kull ajruport tal-Unjoni jista' jinċentiva lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li joperaw titjiriet ta' konnessjoni li jitolqu minn ajruporti tal-Unjoni b'destinazzjoni finali barra mill-Unjoni għal tranżitu minn ajruporti prinċipali mhux tal-UE li mhumiex soġġetti għal dak ir-rekwiżit minflok minn ajruporti prinċipali tal-UE. Dan jista' jwassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-ajruporti u l-operaturi tal-Unjoni li jużaw tali ajruporti u għal riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fin-nuqqas ta' skema obligatorja dwar l-użu ta' SAF għal titjiriet internazzjonali fil-livell tal-ICAO jew fi ftehimiet multilaterali jew bilaterali komprensivi dwar it-trasport bl-ajru bejn l-UE u/jew l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi b'livell simili ta' ambizzjoni meta mqabbla mar-rekwiżiti deskritti f'dan ir-Regolament u l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi jew ta' mekkaniżmi żviluppanti fil-livell internazzjonali għall-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra b'mod partikolari l-iżvilupp ta' mekkaniżmi mmirati li għandhom l-għan li jipprevjenu dawk l-effetti.

(31) [...].

(31a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(3) u 5(2), jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' ishma minimi oġhla ta' fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku mill-Istati Membri u tal-eżenzjonijiet tal-obbligu ta' riforniment qabel it-tluq li jistgħu jingħataw lil operaturi tal-inġenji tal-ajru.

(32) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jinżammu kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni filwaqt li jiżdied l-użu ta' SAF, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tal-avjazzjoni, iżda pjuttost, minħabba l-karatteristiċi tas-suq u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-użu u l-provvista ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, għall-ajruporti tal-Unjoni, u għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni.

Stat Membru jista' jiddeċiedi, fejn xieraq, li ajruport li jinsab fit-territorju tiegħu għandu jiġi ttrattat bħala ajruport tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-"Aġenzija") sena qabel ma dik id-deċiżjoni ssir applikabbli. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tipprovdi lista aġġornata u konsolidata tal-ajruporti kkonċernati li għandha tkun faċilment aċċessibbli.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "ajruport tal-Unjoni" tfisser ajruport kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, fejn il-livell ta' traffiku tal-passiġġieri kien ogħla minn miljun passiġġier jew fejn il-livell ta' traffiku tal-merkanzija kien ogħla minn 100 000 tunnellata fil-perjodu ta' rapportar, u li ma jkunx jinsab f'reġjun ultraperiferiku, kif elenkat fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- "Korp maniġerjali tal-ajruport" tfisser l-entità msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/67/KE⁷ jew, fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun irriżerva l-ġestjoni tal-infrastrutturi ċentralizzati għas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-fjuwil għal korp ieħor skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/67/KE, dak il-korp l-ieħor;
- "operatur tal-inġenji tal-ajru" tfisser persuna li operat mill-anqas 500 titjira ta' trasport kummerċjali bl-ajru li jitolqu minn ajruporti tal-Unjoni fil-perjodu ta' rapportar jew, meta dik il-persuna ma tkunx tista' tiġi identifikata, is-sid tal-inġenju tal-ajru;
- "titjira ta' trasport kummerċjali bl-ajru" tfisser titjira operata bil-għan li ġgħorr passiġġieri, merkanzija jew posta, bi ħlas jew kiri, jew titjiriet tal-avjazzjoni kummerċjali;
- "fjuwil tal-avjazzjoni" tfisser il-fjuwil manifatturat għall-użu dirett mill-inġenji tal-ajru;

⁶ Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti

⁷ Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36).

- "fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli" ("SAF") tfisser fjuwils tal-avjazzjoni ta' sostituzzjoni li huma: (a) bijofjuwils li jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u li huma ċertifikati skont l-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' bijofjuwils prodotti minn "għelejjel tal-ikel u l-għalf" kif definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt 40 ta' dik id-Direttiva, jew (b) fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi, jew (c) fjuwils tal-avjazzjoni tal-karbonju riċklati definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt 35 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li jikkonformaw mal-limitu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmi fl-Artikolu 25(2), it-tieni subparagrafu ta' dik id-direttiva;
- "lott" tfisser kwantità ta' SAF li jistgħu jiġu identifikati b'numru u li jistgħu jiġu traċċati;
- "emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja" tfisser emissjonijiet ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju ta' SAF li jqisu l-emissjonijiet ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju tal-produzzjoni, tat-trasport, tad-distribuzzjoni u tal-użu tal-enerġija abbord, inkluż matul il-kombustjoni, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- "fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi" tfisser fjuwils tal-avjazzjoni ta' sostituzzjoni li huma fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, kif definit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt 36 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jikkonformaw mal-limitu tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmi fl-Artikolu 25(2), l-ewwel subparagrafu ta' dik id-direttiva;
- "fjuwils sintetiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-avjazzjoni" tfisser fjuwils tal-avjazzjoni ta' sostituzzjoni sintetiċi derivati minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom mill-użu tagħhom ikun ta' mill-inqas 70 %;
- "fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali" tfisser fjuwils prodotti minn sorsi fossili mhux rinnovabbli ta' fjuwils idrokarburi, użati fl-avjazzjoni;
- "fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni" tfisser fornitur tal-fjuwil kif definit fil-punt 38 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jforni fjuwil tal-avjazzjoni f'ajruport tal-Unjoni;
- "sena ta' rapportar" tfisser perjodu ta' sena li fih ir-rapporti msemmija fl-Artikoli 7 u 9 għandhom jiġu ppreżentati għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar u li jintemm fil-31 ta' Diċembru;

- "perjodu ta' rapportar" tfisser perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' rapportar;
- "fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ" tfisser l-ammont ta' fjuwil tal-avjazzjoni msemmi bħala "il-fjuwil għall-vjaġġ" u "il-fjuwil għas-sewqan tal-ajruplan" fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni 965/2012⁸ li huwa meħtieġ biex operatur tal-inġenji tal-ajru jopera t-titjiriet ta' trasport kummerċjali bl-ajru kollha, li jitilqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni, matul perjodu ta' rapportar;
- "kwantità annwali mhux ippumpjata fit-tank" tfisser id-differenza bejn il-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ u l-fjuwil attwali ppumpjat minn operatur tal-inġenji tal-ajru qabel it-titjiriet li jitilqu minn ajruport partikolari tal-Unjoni, matul perjodu ta' rapportar;
- "kwantità totali annwali mhux ippumpjata fit-tank" tfisser is-somma tal-kwantitajiet annwali mhux ippumpjati fit-tank minn operatur tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti kollha tal-Unjoni matul perjodu ta' rapportar;
- "skema ta' gassijiet serra" tfisser skema li tagħti benefiċċji lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-użu ta' SAF.

Artikolu 4

Sehem ta' SAF disponibbli fl-ajruporti tal-Unjoni

1. Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għandhom jiżguraw li l-fjuwil tal-avjazzjoni kollu li jsir disponibbli għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'kull ajruport tal-Unjoni jkun fih sehem minimu ta' SAF, inkluż sehem minimu ta' fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku f'konformità mal-valuri u d-dati tal-applikazzjoni stabbiliti fl-Anness I.

Dan l-obbligu għandu jitqies li ġie ssodisfat meta l-ishma msemmija fl-ewwel subparagrafu jintlaħqu bl-użu ta' fjuwils sintetiki b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-avjazzjoni.

⁸ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

2. Għal kull perjodu ta' rapportar, il-bijofjuwils għajr il-bijofjuwils avvanzati kif definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, punt 34 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u għajr il-bijofjuwils prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva fornuti f'ajruporti tal-Unjoni minn kull fornitur tal-fjuwil għandhom jammontaw għal massimu ta' 3 % għall-finijiet tal-konformità mal-ishma minimi msemmija fil-paragrafu 1 u l-Anness I.

3. Fejn mir-rapport tekniku msemmi fl-Artikolu 12 jirriżulta li s-sehem minimu ta' SAF, inkluż fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku kif stabbilit fl-Anness I intlaħaq matul il-perjodu ta' rapportar preċedenti bħala medja fl-ajruporti tal-Unjoni, jew fi kwalunkwe żmien qabel l-1 ta' Jannar 2027, Stat Membru jista', għall-finijiet tal-paragrafu 1, japplika sehem minimu ogħla ta' fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku minn dak stabbilit fl-Anness I f'ajruport wieħed jew f'diversi ajruporti tal-Unjoni li jinsabu fit-territorju tiegħu, għall-perjodi ta' rapportar li ġejjin u sal-31 ta' Diċembru 2034. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika Stati Membri oħrajn u l-Kummissjoni dwar il-miżura adottata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Meta, wara l-adozzjoni mill-Istat Membru kkonċernat ta' miżura skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, is-sehem minimu ta' SAF, inkluż fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku, stabbilit fl-Anness I ma jkunx jista' jintlaħaq matul żewġ perjodi ta' rapportar konsekuttivi bħala medja fl-ajruporti kollha tal-Unjoni minħabba nuqqas strutturali ta' produzzjoni jew provvista ta' tali fjuwils fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13a(2), tadotta deċiżjoni li titlob lill-Istat Membru jissospendi l-applikazzjoni ta' dik il-miżura.

4. L-ogħla sehem minimu applikat mill-Istat Membru kkonċernat skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ma għandux jaqbeż 1 % għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2029, u ma għandux jaqbeż is-sehem minimu stabbilit għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi fl-Anness I ta' aktar minn 3 % għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2034. Dawn il-limiti massimi ma għandhomx japplikaw f'ajruporti tal-Unjoni fejn it-traffiku annwali mhux domestiku tal-passiġġieri jkun inqas minn żewġ miljun passiġġier.

5. Il-fornituri tal-fjuwils jistgħu juru konformità mal-obbligu li jinsab fil-paragrafu 1 u ma' kwalunkwe miżura adottata mill-Istati Membri skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 billi jużaw is-sistema ta' bilanċ tal-massa msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3) u (4), meta fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jonqos milli jforni l-ishma minimi stabbiliti fl-Anness I għal perjodu ta' rapportar partikolari, huwa għandu tal-inqas jikkomplementa dak in-nuqqas fil-perjodu ta' rapportar sussegwenti.

Artikolu 5

Obbligu ta' riforniment għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru

1. Il-kwantità annwali ta' fjuwil tal-avjazzjoni ppumpjat minn operatur tal-inġenji tal-ajru partikolari f'ajruport partikolari tal-Unjoni għandha tkun mill-inqas 90 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ, mingħajr preġudizzju għall-kwantità ta' fjuwil li għandu jiġi ppumpjat sabiex ikun hemm konformità mar-regoli applikabbli dwar is-sikurezza tal-fjuwil.

2. Operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jitlob lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 10(4) li t-titjiriet fuq rotta speċifika eżistenti jew ġdida ta' inqas minn 1200 kilometru li jtilqu minn ajruport tal-Unjoni jiġu eżentati mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dik id-distanza għandha titkejjel bil-metodu tar-rotta ortodromika.

Tali talba għandha ssir mill-inqas tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista. Dik it-talba għandha tipprova ġustifikazzjoni adegwata bbażata fuq diffikultajiet operazzjonali serji u rikorrenti fir-riforniment tal-inġenji tal-ajru f'ajruport partikolari tal-Unjoni li jżommuhom milli jwettqu titjiriet bir-ritorn fi żmien raġonevoli jew fuq diffikultajiet strutturali fil-provvista tal-fjuwil li jirriżultaw mill-karatteristiċi ġeografiċi ta' ajruport partikolari tal-Unjoni, li jirriżultaw fi prezzijiet oġhla b'mod sinifikanti tal-fjuwils meta mqabbla mal-prezzijiet applikati bħala medja għal tipi simili ta' fjuwils f'ajruporti oħra tal-Unjoni partikolarment minħabba restrizzjonijiet speċifiċi tat-trasport tal-fjuwil jew disponibbiltà limitata ta' fjuwils f'dak l-ajruport.

L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta dik it-talba u, fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta, tista' titlob informazzjoni komplementari.

L-awtorità kompetenti għandha tiegħu deċiżjoni dwar dik it-talba mhux aktar tard minn xahar qabel id-data tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista. L-eżenzjoni mogħtija għandu jkollha perjodu limitat ta' validità, li ma jaqbiżx sena, u wara dan għandha tiġi riveduta fuq talba tal-operatur tal-inġenji tal-ajru.

In-nuqqas li tiġi adottata deċiżjoni skont ir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu fil-limitu ta' żmien stabbilit fih għandu jitqies bħala deċiżjoni impliċita ta' awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-eżenzjoni mitluba għal perjodu ta' sena, u wara din għandha tiġi rieżaminata fuq talba tal-operatur tal-inġenji tal-ajru.

L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika l-lista ta' eżenzjonijiet awtorizzati lill-Kummissjoni, li għandha tippubblikaha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u taġġorna dik il-lista mill-inqas darba fis-sena.

Wara lment bil-miktub imressaq minn Stat Membru, operatur ta' inġenji tal-ajru, il-korp maniġerjali tal-ajruport tal-Unjoni kkonċernat, jew fornitur tal-fjuwil, jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista', wara li tivvaluta l-ġustifikazzjoni pprovduta għall-eżenzjoni mogħtija fid-dawl tal-kriterji stipulati fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 13a(2), titlob lill-awtorità kompetenti tadotta deċiżjoni li tħassar dik l-eżenzjoni mill-bidu tal-perjodu ta' skedar li jmiss skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (d) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93. Meta dan il-perjodu ta' skedar jibda inqas minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, id-deċiżjoni li tħassar l-eżenzjoni għandha tibda tapplika mill-bidu tal-perjodu ta' skedar li jmiss.

Artikolu 6

Obbligi tal-ajruporti tal-Unjoni li jiffaċilitaw l-aċċess għal SAF

Il-korp maniġerjali tal-ajruporti tal-Unjoni għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilita l-aċċess tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-fjuwils tal-avjazzjoni li fihom ishma ta' SAF skont dan ir-Regolament.

Meta l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jirrapportaw diffikultajiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab l-ajruport fir-rigward tal-aċċess għall-fjuwils tal-avjazzjoni li jkun fihom SAF f'ajruport partikolari tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-Korp maniġerjali ta' dak l-ajruport tal-Unjoni jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex tingħata prova tal-konformità mal-paragrafu 1. Il-korp maniġerjali tal-ajruport tal-Unjoni kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Aġenzija bil-għan li jiġi stabbilit ir-rapport tekniku msemmi fl-Artikolu 12.

Fuq talba mill-awtorità kompetenti, il-korp maniġerjali tal-ajruporti tal-Unjoni għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jidentifika u jindirizza n-nuqqas ta' aċċess adegwat tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-fjuwils tal-avjazzjoni li fihom ishma ta' SAF skont dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru

Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena ta' rapportar, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' perjodu ta' rapportar partikolari lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija:

- (a) L-ammont totali ta' fjuwil tal-avjazzjoni ppumpjat f'kull ajruport tal-Unjoni, espress f'tunnellati;
- (b) Il-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ, għal kull ajruport tal-Unjoni, espress f'tunnellati;
- (c) Il-kwantità annwali mhux ippumpjata fit-tank, għal kull ajruport tal-Unjoni. Jekk il-kwantità annwali mhux ippumpjata fit-tank tkun negattiva jew jekk tkun inqas minn 10 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni annwali meħtieġ, il-kwantità annwali rrapportata mhux ippumpjata fit-tank għandha tiġi rrapportata bħala 0;
- (d) L-ammont totali ta' SAF mixtri mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, għall-fini tal-operat tat-titjiriet tat-trasport kummerċjali bl-ajru tagħhom li jitolqu minn ajruporti tal-Unjoni, espress f'tunnellati.
- (e) Għal kull xirja ta' SAF, l-isem tal-fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni, l-ammont mixtri espress f'tunnellati, it-teknoloġija ta' konverżjoni, il-karatteristiċi u l-orijini tal-materja prima użata għall-produzzjoni, u l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-SAF. Meta xirja waħda tinkludi SAF b'karatteristiċi differenti, ir-rapport għandu jipprovdi din l-informazzjoni għal kull tip ta' SAF.

Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II.

Ir-rapport għandu jiġi vverifikat minn verifikatur indipendenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u l-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottati fuq il-bażi tagħhom.

Artikolu 8

Operatur tal-inġenji tal-ajru li jiddikjara l-użu ta' SAF

L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ma għandhomx jitolbu benefiċċji għall-użu ta' lott identiku ta' SAF taħt aktar minn skema waħda ta' gassijiet serra. Flimkien mar-rapport imsemmi fl-Artikolu 7, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jipprovdu lill-Aġenzija bi:

- (a) Dikjarazzjoni tal-iskemi ta' gassijiet serra li jipparteċipaw fihom u li fihom jista' jiġi rrapportat l-użu ta' SAF;
- (b) Dikjarazzjoni li ma rrapportawx lottijiet identiċi ta' SAF taħt aktar minn skema waħda.

Għall-finijiet tar-rapportar tal-użu ta' SAF skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, jew skont skema ta' gassijiet serra, il-fornituri ta' fjuwils tal-avjazzjoni għandhom jipprovdu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bl-informazzjoni rilevanti mingħajr ħlas.

⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Artikolu 9

Obbligi ta' rapportar għall-fornituri tal-fjuwil

Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena ta' rapportar, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għandhom jirrapportaw fil-Bażi ta' Data tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-informazzjoni li ġejja relatata mal-perjodu ta' rapportar:

- (a) Il-volum ta' fjuwil tal-avjazzjoni fornut f'kull ajruport tal-Unjoni;
- (b) Il-volum ta' SAF fornut f'kull ajruport tal-Unjoni, u għal kull tip ta' SAF, kif dettaljat fil-punt c);
- (c) It-teknoloġija tal-konverżjoni, in-natura u l-orijini tal-materja prima użata għall-produzzjoni u l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull tip ta' SAF fornut fl-ajruporti tal-Unjoni.
- (d) Il-konċentrazzjoni medja annwali ta' idrokarburi aromatiċi, naftaleni u kubrit totali fil-fjuwil tal-avjazzjoni fornuti f'kull ajruport tal-Unjoni.

L-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għall-bażi tad-data tal-Unjoni. L-Aġenzija għandha tuża l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data tal-Unjoni, ladarba l-informazzjoni tkun ġiet ivverifikata fil-livell tal-Istati Membri skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Artikolu 10

Awtorità kompetenti

- (1) L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-impożizzjoni ta' multi għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, għall-ajruporti tal-Unjoni u għall-fornituri tal-fjuwil. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.
- (2) L-Aġenzija għandha tibgħat lill-awtoritajiet kompetenti d-data aggregata għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-fornituri tal-fjuwils tal-avjazzjoni li għalihom l-awtoritajiet huma kompetenti skont il-paragrafi 3, 4 u 5.

- (3) L-Istat Membru li l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ikunu responsabbli għal operatur ta' ingenu tal-ajru partikolari għandu jiġi ddeterminat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009¹⁰.
- (4) L-Istat Membru li l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ikunu responsabbli għal ajruport partikolari tal-Unjoni għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ġurisdizzjoni territorjali rispettiva.
- (5) L-Istat Membru li l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ikunu responsabbli għal fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni partikolari għandu jkun l-Istat Membru fejn il-fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu.

Għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li ma jkollhomx uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun dak fejn il-fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jkun forna l-aktar fjuwil tal-avjazzjoni fl-2023 jew fl-ewwel sena tal-forniment tal-fjuwil tal-avjazzjoni fis-suq tal-UE, skont liema tkun l-aktar tard. Tali fornitur tal-fjuwil għall-avjazzjoni jista' jippreżenta talba motivata lill-awtorità kompetenti tiegħu biex jiġi attribwit mill-ġdid lil Stat Membru ieħor, f'każ li jkun forna l-biċċa l-kbira tal-fjuwil tal-avjazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru tal-aħħar matul is-sentejn ta' qabel it-talba. Id-deċiżjoni ta' riattribuzzjoni għandha ssir fi żmien disa' xhur wara t-talba, għandha tkun soġġetta għall-qbil tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' riattribuzzjoni u tal-Kummissjoni u għandha tidħol fis-seħħ fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar wara d-data ta' dik id-deċiżjoni.

¹⁰ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 dwar il-lista ta' operaturi ta' ingeni tal-ajru li wettqu attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 219, 22.08.2009, p. 1).

Artikolu 11

Infurzar

- (1) L-Istati Membri għandhom jistabilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 u għandhom jinnotifikawha wkoll, mingħajr dewmien, b'kull emenda li taffettwahom.
- (2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe operatur ta' inġenji tal-ajru li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5 ikun responsabbli għal multa. Dik il-multa għandha tkun mill-inqas id-doppju tal-multiplikazzjoni tal-prezz medju annwali tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal kull tunnellata u tal-kwantità annwali totali mhux ippumpjata fit-tank;
- (3) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sehem minimu ta' SAF ikun soġġett għal multa. Dik il-multa għandha tkun mill-inqas id-doppju tal-multiplikazzjoni tad-differenza bejn il-prezz medju annwali ta' SAF u tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għal kull tunnellata u tal-kwantità ta' fjuwils tal-avjazzjoni li ma jikkonformawx mas-sehem minimu msemmi fl-Artikolu 4 u fl-Anness I;
- (4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sehem minimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi jkun soġġett għal multa. Dik il-multa għandha tkun mill-inqas id-doppju tal-multiplikazzjoni tad-differenza bejn il-prezz medju annwali tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku u tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għal kull tunnellata u tal-kwantità tal-fjuwil tal-avjazzjoni li ma jikkonformax mas-sehem minimu msemmi fl-Artikolu 4 u l-Anness I;
- (5) Fid-deċiżjoni li timponi l-multi msemmija fil-paragrafi 3 u 4, l-awtorità kompetenti għandha tispjega l-metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tal-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni, ta' SAF u tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku fis-suq tal-Unjoni, abbażi ta' kriterji verifikabbli u oġġettivi inkluż l-aħħar rapport tekniku disponibbli msemmi fl-Artikolu 12;

- (6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li kien soġġett għal nuqqas mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sehem minimu ta' SAF jew ta' fjuwils sintetiċi f'perjodu ta' rapportar partikolari, għandu jforni lis-suq fil-perjodu ta' rapportar sussegwenti bi kwantità ta' dak il-fjuwil rispettiv ugwali għal dak in-nuqqas, minbarra l-obbligu tiegħu tal-perjodu ta' rapportar. L-issodisfar ta' dan l-obbligu ma għandux jeżonera lill-fornitur tal-fjuwil mill-obbligu li jħallas il-penali stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu;
- (7) L-Istati Membri għandu jkollhom il-qafas legali u amministrattiv meħtieġ stabbilit fil-livell nazzjonali biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi u l-ġbir tal-multi.
- (8) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dħul iġġenerat mill-multi, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, jintuża biex jiġu appoġġati proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tal-SAF, il-produzzjoni ta' SAF jew mekkaniżmi li jippermettu li jitnaqqsu d-differenzi fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwils konvenzjonali tal-avjazzjoni.

Artikolu 12

Ġbir u pubblikazzjoni tad-data

Kull sena, l-Aġenzija għandha tippubblika rapport tekniku abbażi tar-rapporti annwali msemmija fl-Artikoli 7 u 9 u tgħaddih lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Dak ir-rapport għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) L-ammont ta' SAF mixtri mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fil-livell tal-Unjoni b'mod aggregat, għall-użu fuq titjiriet tat-trasport kummerċjali bl-ajru li jitolqu minn ajruport tal-Unjoni, u mill-ajruport tal-Unjoni;
- (b) L-ammont ta' SAF u ta' fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku furnut fil-livell tal-Unjoni b'mod aggregat u mqassam skont l-ajruport tal-Unjoni u analiżi tal-kapaċità tal-fornituri f'kull Stat Membru biex jissodisfaw it-trajettorja tal-inkorporazzjoni ppjanata;

- (b bis) L-ammont ta' SAF fornut fil-pajjiżi terzi li magħhom ikun ġie konkluż Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru mill-Unjoni, jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u sa fejn ikun possibbli f'pajjiżi terzi oħra;
- (c) L-istat tas-suq, inkluż l-informazzjoni dwar il-prezzijiet, u x-xejriet fil-produzzjoni u l-użu ta' SAF fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi li magħhom ikun ġie konkluż Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru mill-Unjoni, jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u sa fejn ikun possibbli f'pajjiżi terzi oħra. L-istat tas-suq għandu jinkludi informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tad-distakk fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwils fossili;
- (d) L-istatus tal-konformità tal-ajruporti rigward l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6;
- (e) L-istatus ta' konformità ta' kull operatur tal-inġenji tal-ajru u fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jkollhom obbligu skont dan ir-Regolament fil-perjodu ta' rapportar;
- (f) L-oriġini u l-karatteristiċi tal-SAF kollha mixtrija mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għall-użu fuq titjiriet li jtilqu minn ajruporti tal-Unjoni.
- (g) Il-konċentrazzjoni medja annwali ta' idrokarburi aromatiċi, naftaleni u kubrit totali fil-fjuwil tal-avjazzjoni fornuti fil-livell tal-Unjoni b'mod aggregat u mqassma skont l-ajruport tal-Unjoni.

L-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13a(1) fit-tfassil dak ir-rapport.

Artikolu 13

Perjodu tranżitorju

B'deroga mill-Artikolu 4(1), mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2034, għal kull perjodu ta' rapportar, fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jista' jforni s-sehem minimu ta' SAF iddefinit fl-Anness I bħala medja ponderata fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni kollu li jkun fornuta fl-ajruporti tal-Unjoni għal dak il-perjodu ta' rapportar.

Artikolu 13a

Proċedura ta' kumitat

- (1) Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Avjazzjoni RefuelEU, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat". Il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (2) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 14

Rapporti u Rieżami

Sal-1 ta' Jannar 2027 u kull ħames snin wara dan, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippreżentaw rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-evoluzzjoni tas-suq tal-fjuwils tal-avjazzjoni u l-impatt tiegħu fuq is-suq intern tal-avjazzjoni tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal sorsi oħra tal-enerġija u tipi oħra ta' fjuwils sintetiċi ddefiniti skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, b'mod partikolari għall-elettriku u l-idroġenu, ir-reviżjoni possibbli tal-ishma minimi fl-Artikolu 4 u fl-Anness I, u l-livell ta' multi. Ir-rapport għandu jkoll l-iżviluppi tal-politika f'pajjiżi oħra, inkluż fil-kontest ta' ftehimiet multilaterali u bilaterali mal-Unjoni, u għandu jinkludi valutazzjoni dettaljata tal-impatt ta' dan ir-regolament fuq il-konnettività għall-gżejjer u t-territorji remoti, fuq il-kompetittività tat-trasportaturi tal-ajru Ewropej u l-ajruporti prinċipali vis-à-vis il-kompetituri tagħhom fil-pajjiżi ġirien, dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u, fejn disponibbli, informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' qafas ta' politika potenzjali għall-adozzjoni ta' SAF fil-livell tal-ICAO. Ir-rapport għandu jinforma wkoll dwar l-avvanzi teknoloġiċi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-industrija tal-avjazzjoni li huma rilevanti għal SAF, inkluż fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma humiex tas-CO₂.

Ir-rapport jista' jikkunsidra jekk dan ir-Regolament jenħtiġx li jiġi emendat u, għażliet għal emendi, fejn ikun xieraq, f'konformità ma' qafas ta' politika potenzjali dwar l-adozzjoni ta' SAF fil-livell tal-ICAO.

Fost dawk l-għażliet, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw l-inklużjoni ta' mekkaniżmi li jappoġġaw il-produzzjoni u l-użu ta' SAF, inkluż il-ġbir u l-użu ta' fondi, u mekkaniżmi oħra li jippermettu li jitnaqqsu d-differenzi fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwils konvenzjonali tal-avjazzjoni. Tali mekkaniżmi jenħtieġ li jkollhom l-għan li jillimitaw l-impatti negattivi ta' dan ir-Regolament fuq il-konnettività bl-ajru, li jevitaw bidla fit-traffiku lejn ajruporti prinċipali f'pajjiżi terzi u li jtaffu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

B'mod partikolari, fin-nuqqas ta' skema obbligatorja fil-livell internazzjonali dwar l-użu ta' SAF għal titjiriet internazzjonali b'livell simili ta' ambizzjoni meta mqabbel mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew ta' mekkaniżmi żviluppati fil-livell internazzjonali li jippermettu l-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni għall-avjazzjoni internazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra mekkaniżmi mmirati li għandhom l-għan li jipprevjenu dawk l-effetti, inkluż, jekk xieraq, l-estensjoni għall-avjazzjoni internazzjonali tar-Regolament (UE)...¹¹, kif ukoll tipi oħra ta' miżuri li jqisu d-destinazzjoni finali barra mit-territorju tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13a(1) fit-tfassil ta' dak ir-rapport, mill-inqas 6 xhur qabel l-adozzjoni tiegħu.

¹¹ REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL [...] li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, l-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025 u l-Artikoli 7 u 9 għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2024 għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Anness I (ishma tal-volum)

- (a) Mill-1 ta' Jannar 2025, sehem minimu ta' 2 % ta' SAF;
- (b) Mill-1 ta' Jannar 2030, sehem minimu ta' 6 % ta' SAF, li jkollu sehem minimu ta' 0.7 % ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi;
- (c) Mill-1 ta' Jannar 2035, sehem minimu ta' 20 % ta' SAF, li jkollu sehem minimu ta' 5 % ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi;
- (d) Mill-1 ta' Jannar 2040, sehem minimu ta' 32 % ta' SAF, li jkollu sehem minimu ta' 8 % ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi;
- (e) Mill-1 ta' Jannar 2045, sehem minimu tal-volum ta' 38 % ta' SAF, li jkollu sehem minimu ta' 11 % ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi;
- (f) Mill-1 ta' Jannar 2050, sehem minimu tal-volum ta' 63 % ta' SAF, li jkollu sehem minimu ta' 28 % ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi.

Anness II – Mudell għar-rapportar tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru

Ajruport tal-Unjoni	Kodiċi ICAO tal-ajruport tal-Unjoni	Fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ fis-sena (tunnellati)	Fjuwil tal-avjazzjoni effettivament ippumpjat (tunnellati)	Kwantitajiet annwali mhux ippumpjati fit-tank (tunnellati)	Total tal-kwantitajiet annwali mhux ippumpjati fit-tank (tunnellati)

Mudell għar-rapportar tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru dwar xiri ta' SAF

Fornitur tal-Fjuwil	Ammont mixtri (tunnellati)	Teknoloġija ta' konverżjoni	Karatteristiċi	Orìġini tal-materja prima	Emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja